# IL-WIRJA TAL-GĦADAM NIEXEF

EZEK. XXXVII.

Dawk il-Kotba mqaddsa, li ħarġu minn fomm Alla, kemm nies kbar iqiegħdu taħt għajnejna! U fost dawn in-nies kbar, l-aktar li jolqtuna huma dawk li jissejħu *profeti*. Dawn in-nies, bil-lhudi, għandhom tliet ismijet: *roeh* u ġejja mill-kelma *ra'aħ*, li tfisser tara; *ħożeħ*, u dan mill-kelma *ħażaħ* li tfisser ukoll tara, u għalhekk *roeħ* u *ħożeħ* ifissru: "dak li jara". Imma l-isem ewlieni tal-*profeti* kien *nabi*, u din il-kelma tfisser wieħed li jitkellem fl-isem ta' ħadd ieħor. Dawn it-tliet ismijiet juruna sewwa mîn kienu l-*profeti*. Dawn, mela, kienu nies, li Alla kien igħarrafhom x'irid minnhom, u kien jibgħathom biex jitkellmu fl-isem tiegħu.

Fost dawn il-profeti, wieħed minn l-akbar kien Ezekjel. Ismu, bil-lhudi Jeħżeq'iel, ifisser "Alla jqawwi", u kien bin Bużi, mill-ġnus tal-qassisin tal-Lhud. Ezekjel kien wieħed minn dawk il-*profeti* li għexu mal-Lhud fil-jasar ta' Babilonja, u Alla wrieh wirjiet kbar ħafna, biex bihom, iqawwi qlûb il-Lhud, biex jibqgħu fit-tama tal-Messija mwiegħed. Waħda minn dawn l-isbaħ wirjiet hi dik tal-għadam niexef, li tiġi fil-kap. XXXVII tal-ktieb tiegħu. U din bi ħsiebni nġib bil-malti u nfisser fil-qasir.

"1. Ġiet għalija îd il-Mulej, u tellgħatni f'ruħ il-Mulej,
"u ħaditni f'nofs għalqa, li kienet mimlija bil-għadam.
"2. U dawritni magħhom, dawra dawra, u kienu ħafna u
"ħafna fuq wiċċ il-għalqa, u jebsin sħiħ. 3. U qalli: Bin
"il-bniedem, tgħid igħix dan il-għadam? U għedtlu: Sidi,
"Mulej, int taf! 4. U qalli: Għid fuq dan il-għadam u għi-
"dilhom: Għadam jebes, isimgħu kelmiet il-Mulej! 5. Hekk
"qal Sidi l-Mulej għal dan il-għadam: Araw, jien innissel
"fikom ir-ruħ u tgħixu. 6. U nati fuqkom l-egħruq, u nkab-
"bar fuqkom il-laħam, u nifrex fuqkom il-ġilda, u natikom
"ir-ruħ u tgħixu, u tkunu tafu li jiena l-Mulej. 7. U għed-
"tilhom kif wissieni, u sar ħoss, meta għedtilhom, u saret
"tqanqila, u qorbu l-għadmiet, kull għadma għal għadmitha.
"8. U rajt, u telgħu fuqhom l-egħruq, u tgħattew bil-laħam,
"u nfirxet fuqhom il-ġilda, u ma kienx fihom ruħ. 9. U
"qalli: Għid fuq ir-ruħ, għid, bin il-bniedem, u għid lir-ruħ:
"Hekk igħid Sidi l-Mulej, minn l-erba' rjieħ ejja, ruħ, u
"onfoħ fuq dawn il-maqtulin u jgħixu. 10. U għedt kif
"wissieni, u daħlet fihom ir-ruħ u għexu, u qamu fuq riġlej-

"hom, kotra kbira ħafna ħafna. 11. U qalli: Bin il-bniedem, "dan il-għadam hu n-nisel ta' Iżraël kollu. Ara huma jgħidu: "Inħaraq għadamna u ntemmet tamitna u nfridna. 12. Mela "għid fl-isem tiegħi u kellimhom: Hekk qal Sidi l-Mulej: "Araw jien niftaħ qabarkom, u ngħollikom minn qabarkom, "ġens tiegħi, u nreġġgħakom lejn art Iżraël. 13. U tkunu "tafu li jien il-Mulej, meta niftaħ qabarkom u ngħollikom "minn qabarkom, ġens tiegħi. 14. U natikom ruħi u tgħixu, "u natikom il-mistrieħ f'artkom, u tkunu tafu li jien il-"Mulej tkellimt u għamilt, qal il-Mulej."

Kif għedna minn l-ewwel, din il-wirja hija minn dawk biex il-Lhud jagħmlu l-ħila fil-jasar li fih kienu jinsabu. Ezekjel jibda biex juri li din kienet wirja, billi jgħid: Ġiet fuqi îd il-Mulej u tellgħatni f'ruħ il-Mulej.

Il-għalqa mimlija bil-għadam niexef kienet xbieha tal-Lhud, li maħruġin minn arthom, kienu qishom mejtin fost nies barranin. Qlibt għadam *jiebes*, u m'hux *niexef*, biex nati l-kelma lhudija *jebexot*.

Bin il-bniedem, *ben'adam* tfisser bniedem, u b'dan l-isem Alla jsejjaħlu lil Ezekjel.

Meta Alla saqsa lil Ezekjel jekk dak il-għadam kienx igħix, ma kellux il-ħila jgħidlu iva, imma, mimli bit-tama fil-qawwa t'Alla, wieġeb: Mulejja, inti taf!

Jiena qlibt bil-malti l-kelma *ħinnabe'*, *għid* u din ġejja minn *naba'*, u tfisser *tkellem fl'isem tiegħi* (t'Alla), u għamilt dan biex ma ntawwalx. Qlibt ukoll b'Mulej il-kelma lhudija *Jaħweħ*, li hu l-isem t'Alla, u ħadd minnhom ma kien jista' isemmih. *Jaħweħ* ġej mill *verb ħajaħ* li jfisser tkun, u Jaħweħ, *Dak li hu*, kif Alla n-nifsu kien qal lil Mosè (1).

Kemm hu sabiħ il-kliem tal-vers 8! Kif donnok qiegħed tara kollox jiġri taħt għajnejk!

Hawn ukoll qisu logħob fuq il-kelma *ruħ*, għaliex *rwaħ*, bil-lhudi, jista' jfisser *ruħ* jew *riħ*. Irid igħid Alla, illi kif il-Lhud kienu mxerrdin ma' l-erba' rjieħ, u Hu kellu jiġborhom u jatihom il-ħajja, hekk ukoll, fl-aħħar jum il-mejtin kollha jqumu minn kullimkien.

L-aħħar kelmiet tal-wirja, inbagħad, juruna kif Alla iħobb il-bnedmin tassew bħal missier. Fl-aħħar nett, kull darba li fil-kliem lhudi daħħalt l-*apostrofu*, dan għamiltu biex innizżel l-ittra *alef*, li bil-malti ma għandniex.

Meta, mela, il-ħsieb tal-mewt, jew tal-hemm idejjaqna, inġibu quddiem għajnejna il-wirja tal-għadam niexef ta' Ezekjel!

**Dun Pietru Pawl**

(1) Exod. III, 14.